MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru 80/2012

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JEANNE FARRUGIA**
**KONTRA**
**HUSSAIN MAALOUL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Hussain Maaloul ta' 29 sena, bin Mustafa u Fatima Ahmed, mwieled Syria fid- 9 ta' Lulju 1982, residenti Bordeaux Blk G/6 Triq Katrina Vital, San Pawl il- Bahar u detentur tal- passaport Sirjan bin- numru N004036290;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fix- xhur ta' qabel Awwissu tal- 2008 ghamel falsifikazjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi

dokument iehor falsifikat, u cioe’ permess ta’ residenza bin- numru D 36716520 fuq Passaport Sirjan bin- numru N 004036290;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma mfissra fl-istqarrija tal-imputat. Fil-qosor, jirrisulta li l-imputat kien hallas lil xi hadd fil-Germanja, meta kien qed jahdem hemm xi snin ilu, biex jottjeni visa u permess biex jibqa’ hemm. Meta gie Malta u zzewweg u l-awtoritajiet maltin ezaminaw il-passaport tieghu, raw din il-visa falza, u ttiehdu dawn il-proceduri. In vista ta’ dawn il-fatti, u in vista tal-fedina penali netta tieghu, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jibbenefika mill-applikazzjoni ta’ sentenza sospiza bhala piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 189 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terrminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------